MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 323/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-28 ta’ Novembru 1968 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok EB 1;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba’ (4) snin u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt pubbliku tas-27 ta’ April 1999 redatt fl-Atti tan-Nutar Dr Alexander Joseph Sciberras Trigona (Ara Dok EB2 hawn anness);

Illi frott ta’ dan iz-zwieg twieldet N li llum hija maggorenni u hija mizzewga u ghalhekk m’hemm ebda pendenza ta’ manteniment ghall-istess wild;

Illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' manteniment reciproku u ghalhekk l-ebda manteniment m'hu dovut;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Gunju, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi ir-rikors gie konfermat bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, ma ipprezentax risposta u qatt ma deher ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar

minn erba' (4) snin kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 27 ta' April, 1999;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, kif ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lilha mill-intimat;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------